**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

| | |
|---|---|
| **Laqgħa Nru. 12/19** | |
| **Data:** | It-Tnejn, 2 ta' Settembru 2019 |
| **Ħin:** | 6:22 PM |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku (Mis-7.00pm)<br>Amanda Abela - Kunsilliera (Mis-6:30pm sas-7.00pm)<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier<br>Roderick Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati** | Dorcas Camilleri<br>Stephanie Fenech |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **12.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **12.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **12.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **12.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **12.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **12.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **12.07** | ***Quarterly Financial Statements;*** |
| **12.08** | **Vjal 25 ta' Novembru;** |
| **12.09** | **Xogħolijiet;** |
| **12.10** | **Żejt iż-Żejtun** |
| **12.11** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **12.12** | **Mozzjonijiet; u** |
| **12.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**12. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Camilleri ma setgħatx tattendi minħabba li tinsab imsiefra. Imejl annessa. | |
| 12. 1. 2 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Fenech ma setgħatx tattendi minħabba li tinsab imsiefra. Imejl annessa. | |

**12. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Baldacchino<br>Sekondant: Caruana | Il-Minuti 11/19 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 12. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**12. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 2 1 | 11.02.06 | Baldacchino: Problema bil-ħamiem | Baldacchino qal li sar meeting mal-Federazzjoni tal-ħamiem. Is-Sindku qalet li tkellimna mal-AKL fejn ġew identifikati s-siti fejn hemm il-problemi u bagħtna imejl. | Baldacchino |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 2 | 2 | 11.05.08 | Caruana R: Binja San Martin | Caruana reġa staqsa dwar dan. Is-Sindku ssuġerit li morru fuq il-post sabiex naraw x'hemm bżonn isir. | Caruana R |
| 12. | 2 | 3 | 11.05.03 | Chircop: *Bins* tal-Klieb | Chircop qal li hemm bżonn jitwaġħħal dog bin fejn il-Kappella tas-Sinjura. Kien hemm qbil dwar dan. | Sindku |
| 12. | 2 | 4 | 11.05.05 | Chircop: Restawr tan-niċċa | Chircop qal li saret laqgħa mall-perit u mal-*Surveillance of Cultural Heritage*. Ser tinbena kif kient il-faċċata oriġinali. | Chircop |
| 12. | 2 | 5 | 11.06.08 | Chircop: *Card Game* | Chircop qal li l-card game ħarġet u diġa nbiegħu ħamsin waħda. Sar suġġeriment ukoll li din għandha tinbiegħ ukoll fil-ħwienet. | Chircop |

**12 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/19. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 3 | 1 | | Sindku: Laqgħa mal-Ispettur | Is-Sindku qalet li saret laqgħa mall-Ispettur dwar il-problema tat-teħid tad-droga kif ukoll abbużi oħra bħal sewqan eċċessiv f'ċertu toroq u mill-ewwel ittieħdet azzjoni dwar dan. | Sindku |
| 12 | 3 | 2 | | Sindku: Laqgħa mar-*Refab Light Blue Ltd* | Is-Sindku qalet li saret laqgħa u sar qbil li Refab Light Blue Ltd iħallsuna €0.50c kuljum għall-kull *bin* sa massimu ta' żewġ *bins*. Dik li kien hemm Ġebel San Martin kellha titellgħa is-Suq peress li ma kinitx daqshekk efettiva. Tlabna li tiżdied oħra f'Qasam Ħal Tmin. | Sindku |
| 12 | 3 | 3 | | Sindku: Tħawwil ta' siġar | Is-Sindku qalet li tħawlet siġra taż-żebbuġ fil-21 ta' Awwissu fi Triq A. Cachia Zammit sponsorjata mill-*Malta Business Registry.* Dawn ser iħallsu wkoll l-ispejjes li saru sabiex ġie rranġat il-ħajt tal-madwar. Is-Sindku irringrazzjathom u qalet ukoll li l-Lidl qed juru interess li jissponsorjaw sabiex isiru siġar. Is-Sindku issuġerit li jsiru f'Misraħ Indipendenza. Kien hemm qbil nem.con dwar dan. | Sindku |
| 12 | 3 | 4 | | Sindku: Il-*pitch* tal-futbol | Is-Sindku qalet li beda xogħol fuq il-pitch tal-footbal fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Sindku |
| 12 | 3 | 5 | | Sindku: Laqgħa mal-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi | Is-Sindku qalet li hi flimkien mal-Kunsillier Chircop attendew għal-laqgħa fejn dawn qed joffru li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni għax qed jaraw potenzjal turistiku. Ser jiġi ssuġerit li jinbeda Ġnien Mikiel Anton Vassalli. Is-Sindku irringrazzjat lill-Onorevoli Ministru Konrad Mizzi. | Sindku |
| 12 | 3 | 6 | | Sindku: Konferenza Stampa | Is-Sindku qalet li hi u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-konferenza stampa mill-Onorevoli Silvio Parnis fejn bħala kunsill ser ikollna naħtru Contract Manager. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12 | 3 | 7 | | Sindku | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-AKL fis-6 ta' Awwissu dwar fondi u inizjattivi fejn ħeġġewna sabiex nipparteċipaw. Is-Sindku qalet li aħna dejjem applikajna għall-dawn il-fondi. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 3 | 8 | | Sindku | Is-Sindku qalet li saret laqgħa mas-Sur Steve Compagno dwar fejn jistgħu jiżdiedu siġar. Qed jiġi ssuġerit li jissebbaħ iz-zuntier u ser inkunu qed niġbru kwotazzjonijiet. | Sindku |
| 12 | 3 | 9 | | Sindku | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-perit Ruen Bo Jacabson dwar il-monument li ser isir f'Misraħ Carlo Diacono. Hu għadda l-proposti li ssir siġra taż-żebbuġ tal-*istainless steel* astratta bil-bażi taċ-ċeramika. Ser isir ukoll irranġar taz-*zebra crossing* bħala parti mill-proġett. | Sindku |
| 12 | 3 | 10 | | Sindku | Is-Sindku qalet li saret il-laqgħa fid-9 ta' Awwissu mal-Onorevoli Ministru Owen Bonnici dwar ix-xogħol li hemm ippjanat għall-ħames snin li ġejjien. Tlabnieh ukoll jgħinna fl-isfidi li niltaqgħu magħhom ta' kuljum. Tlabna wkoll għajnuna sabiex tiġi rrestawrata l-faċċata tal-kunsill. | Sindku |
| 12 | 3 | 11 | 08 | Sindku | Is-Sindku qalet li waqt laqgħa li kellha ma' rappreżentanti tal-WasteServ, ġejna nfurmati li bħalissa qed tkun għaddejja kampanja dwar *Waste Management*. Iż-Żejtun intagħżel bħala l-lokalita' minn fejn ser titnieda din l-inizzjattiva dwar l-istess suġġett fejn ser jattendi għaliha il-Ministru tal-Ambjent l-Onorevoli Hose' Herrera u ssir fil-pjazza, nhar it-Tnejn 7 ta' Ottubru. Bħala Kunsill irridu nipprovdu s-sound u nieħdu ħsieb il-parkeġġ. Mill-14 ta' Ottubru 'l quddiem ser ikun hawn trakk wara l-knisja li ser jiġbor skart bħal żejt bozoz, mediċini li s-soltu jintrema f'*amenity site.* | Sindku |
| 12 | 3 | 12 | 20 | Residenti ta' Triq id-Duluri | Is-Sindku qalet li rċivejna petizzjoni dwar l-inkonvenjent tal-MaltaPost. Ser tintbagħat kopja tal-petizzjoni u ittra dwar dan lill-Maltapost. | Sindku |
| 12 | 3 | 13 | 24 | Karl Attard | Is-Sindku qalet li s-Sur Karl Attard, enġinier ġie bi proposta fejn jista' jgħinna u jagħmel survey dwar l-istat tal-bankini. L-istima hija ta' bejn €150 u €180 kull triq. | Sindku |
| 12 | 3 | 14 | 26 | Tenders: Barijiet Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku infurmat lill-kunsill li kellna offerent wieħed għall-bar ta' Misraħ Wistin Abela mill-Għaqda tal-Armar 25 ta' Novembru. Ma kien hemm ebda offerti oħra għall-barijiet ta' Misraħ ir-Reppublika u l-area ta' San Girgor. | Sindku |
| 12 | 3 | 15 | | | | |

**12. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 4 | 1 | | | | |

**12. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 5 | 1 | | Caruana R: Triq A. Cachia Zammit | Caruana issuġerixxa li għandhom isiru linji kontinwi u jsiru l-bollards sabiex il-veturi ma jkunux jistgħu jaqsmu f'salib it-toroq pero t-traffiku jiġi devjat lejn ir-roundabout u jdur mill-korsija l-isfel. | Caruana R |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 5 | 2 | | Viċi-Sindku: *Zebra Crossingfi Triq id-Daħla ta' San Tumas* | Il-Viċi-Sindku staqsiet fiex waslet l-applikazzjoni dwar dan. | |
| 12 | 5 | 3 | | Chircop: Tabbella tal-*One-Way* | Chircop qal sabiex titwaħħal it-tabella fi Triq Santa Marija k/m Misraħ Santa Marija. | Caruana R |
| 12 | 5 | 4 | | Chircop: Linji tal-parkeġġi | Chircop qal li għandhom isiru l-linji tal-parkeġġi fi Triq l-Iskola. | Sindku |
| 12 | 5 | 5 | | Sindku: Binja tat-Tribunal Lokali | Is-Sindku qalet li waqt laqgħa li kellha tar-Reġjun, hija nfurmat li x-xogħol rakkomandat mill-perit sar u qed nistennew li jintbagħat ir-rapport. Hawnhekk il-president kompla jgħid li l-Kunsill xorta ser jibqa' responsabbli f'każ li jkun hemm xi inċident. Għalhekk is-Sindku qaltlu li ser titkellem mas-Segretarju Eżekuttiv biex tintbagħat imejl sabiex it-Tribunal isib post alternattiv sakemm il-binja tkun iktar sigura. | Sindku |
| 12 | 5 | 6 | | Chircop: *Green Urban* | Chircop qal li ser napplikaw għall-fondi tal-*Green Urban* sabiex insebbħu bil-pots u pjanti u qed jiġu ssuġeriti dawn is-sqaqin:<br>Triq il-Gwiedi<br>Triq San Franġisk<br>Triq San Luċjan<br>Triq il-Kunċizzjoni<br>Mgħodija Tarcisio Cassar<br><br>Għandha ssir policy dwar kif u fejn għandhom isiru sabiex ikollna ordni u mhux kulħadd jagħmel li jrid. | Chircop |
| **12.** | **6.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12. | 6. | 1 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li ser jiġi organizzat *weekend break* fil-Qawra Palace Hotel bejn l-4 u s-6 ta' Ottubru. | Viċi-Sindku |
| 12. | 6. | 2 | | Chircop | Chircop qal li l-Ministeru tal-Edukazzjoni ser jorganizza *team building exercise* għall-istudenti. | Chircop |
| 12. | 6. | 3 | | Chircop | Chircop qal li l-*Planning Authority* ser torganizza tmin *tours* darba *fix-xahar* madwar iż-Żejtun u jibdew minn Settembru. | Chircop |
| 12. | 6. | 4 | | Chircop | Chircop qal li ser isiru tlett *walking tours* fl-20 ta' Settembru waqt l-attivita' mtellgħa mill-Kunsill Lokali flimkien ma' Sport Malta. | Chircop |
| **12.** | **7.** | | | **Quarterly Financial Statements;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12 | 7 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapporti tal-finanzi għat-tieni kwart tas-sena fejn ta rendikont tad-dħul u l-ħruġ kollu li kellu l-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| **12.** | **8.** | | | **Vjal 25 ta' Novembru;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12. | 8. | 1 | | Sindku | Is-Sindku infurmat lill-kunsill li ser issir laqgħa fuq il-post mal-perit fejn ser jiġi diskuss kif ser jiġi maniġġjat it-traffiku u x-xogħol fuqha jibda hekk kif titlesta Triq il-Labour. | Sindku |
| **12.** | **9.** | | | **Xogħolijiet;** | | |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 9. | 1 | | Chircop: Applikazzjoni restawr tal-Kappella tas-Salvatur | Chircop qal li din l-applikazzjoni ġiet sottomessa. Saħaq li ġiet magħżula din il-Kappella peress li l-fondi huma speċifikament għall-restawr fuq il-faċċata. | Chircop |
| 12. | 9. | 2 | | Sindku: Triq Gwiedi | Is-Sindku qalet li qed niltaqgħu ma' ħafna problemi fuq ix-xogħol li qed isir u dan qed iwassal għall-dewmien sabiex jitlesta. | Sindku |
| 12. | 9. | 3 | | Sindku: Latrini tal-Pjazza | Is-Sindku qalet li ser jinqala l-madum mill-ħaddiema tal-kunsill u l-kuntrattur ser jagħmel ix-xogħol tal-ilma u jwaħħal il-madum u xogħol ieħor. | Sindku |
| 12. | 9. | 4 | | Sindku: Triq il-Labour | Is-Sindku qalet li mill-informazzjonili għandna din it-triq għandha tkun lesta sal-aħħar ta' Settembru. | Sindku |
| 12. | 9. | 5 | | Sindku: Triq Ħabel ix-Xgħir | Is-Sindku qalet li x-xogħol ser jinbeda dalwaqt fejn ser jinbidlu s-servizzi tal-ilma u ssir bil-*printed concrete.* | Sindku |

**12. 10. Żejt iż-Żejtun**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 10 | 1 | | Sindku / Viċi-Sindku | Is-Sindku qalet li ġie deċiż li peress li kellna offerta waħda għall-barijiet, dawn għandhom jiġu maniġjati mill-ħaddiema tal-kunsill. Il-Viċi-Sindku qalet li ser jinagħtaw mementos lill-gruppi folkloristiċi . Staqsiet ukoll dwar il-*banners* bl-avviżi ta' teħied ta' ritratti li ser jiġu ordanti. Is-Segretarju qal li dawn huma meħtieġa minħabba l-protezzjoni tad-data.Qalet ukoll li ser isiru żewġ wirjiet, waħda minn Rupert Delia sabiex jitfakkar Carmelo Delia u oħra minn Francesca Vella li titratta Uċuħ Żwieten fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat. Qalet ukoll li Jorge Spiteri ser jagħmel dimostrazzjoni dwar in-naħal il-Ħadd filgħodu. | Sindku / Viċi-Sindku |

**12. 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 11. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/19 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. | 11. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 12/19 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. | 11. | 3 | | *Petty Cash* - Ġunju u Lulju 2019 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Awwissu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €200.40 | Segretarju Eżekuttiv |

**12 12 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 12 | 1 | | Ma kinx hemm mozzjonijiet waqt din is-seduta. | | |

**12 13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |